A.L. 129 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, bl-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 94 ta' l-1969.

Jemenda t-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok l-ewwel paragrafu tagħha li jibda bil-kliem "Sinjal ta' Twissija ta' Periklu jitqiegħed normalment" u jintemm bil-kliem "taħt il-paragrafu Ġ tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda." għandu jidħol dan li ġej:

"(a) Sinjal ta' Twissija ta' Periklu jitqiegħed normalment fuq in-naħa tax-xellug tat-triq qabel post potenzjalment perikoluż u f'distanza xierqa minnu, li jiddependi mill-konfigurazzjoni tal-post, u fuqu jkunu murija l-potenzjalità ta' veloċità tat-triq u x-xorta ta' periklu. Meta jitqies li jkun meħtieġ, dik id-distanza tista' tiġi speċifikata permezz ta' pjanċa mdendla tat-tip muri bħala Nru. (4) jew (5) taħt il-paragrafu Ġ tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda.

(b) Sinjal ta' Twissija li jindika li hemm *junction* iktar 'il quddiem fit-triq jagħti avviż bil-quddiem lid-*drivers* li jkunu qed joqorbu *junction* fejn ikun hemm imwaħħlin sinjali IEQAF jew AGĦTI D-DRITTA.

Ix-xorta ta' twissija dwar *junction* u d-distanza għandhom jitniżżlu fuq kull sinjal ta' twissija permezz ta' pjanċa mwaħħla.";

(b) minflok is-sinjal (6) tal-paragrafu E tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"

(6)



PREAVVIŻ TA' MOLL
(din il-figura tista' tintwera bil-maqlub)

(7)



PREAVVIŻ TA' MINA

(8)



CABLE TA' L-ELETTRIKU GĦADDEJ MINN FUQ
(għandha titwaħħal pjanċa li tindika l-iktar għoli li jista' jgħaddi b'sigurezza)

(9)



PREAVVIŻ TA' PERIKLU
(għandha titwaħħal pjanċa li tindika x'inhu l-periklu)";

(ċ) fil-paragrafu F tagħha:

(i) minflok is-sinjal (2) għandu jidħol dan li ġej:

"

(2)



TFAL ĠEJJIN JEW SEJRIN L-ISKOLA JEW IL-PLAYGROUND";

u

(ii) minnufih wara s-sinjal (3) għandhom jiżdiedu dawn is-sinjali:

" (4)



PREAVVIŻ TA' PEDESTRIANS

(tista' titwaħħal il-pjanċa "Ebda bankina għal .....m")

(5)



PEDESTRIANS XJUĦ, HANDICAPPED JEW GĦOMJA

(tista' titwaħħal il-pjanċa "Nies Xjuħ", "Għomja", "Handicapped" jew "Inkapaċitati")

(6)




IRKIB TA' ŻWIEMEL";

u

(d) minnufih wara l-paragrafu F tagħha għandu jiżdied dan il-paragrafu:

"Ġ. Preavviż ta' Junction (Għaqda ta' Toroq) bi pjanċa li tindika "Ieqaf" jew "Agħti d-dritta"



bi pjanċa



jew



SINJAL LI WASAL JUNCTION (GĦAQDA TA' TOROQ)".

Jemenda t-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. It-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "EBDA TRAFFIKU MIŻ-ŻEWĠ NAĦAT" taħt is-sinjal (5) fis-subparagrafu (d) tal-paragrafu A tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"IL-VETTURI KOLLHA PROJBITI

Tista' titwaħħal pjanċa bil-kliem "ĦLIEF BIEX JINKISEB AĊĊESS" li jindikaw eżenzjoni mill-projbizzjoni ta' aċċess lejn bini jew art ma' ġenb it-triq jew toroq magħluqa, jew "ĦLIEF GĦAT-TAGĦBIJA" jew "ĦLIEF GĦAL KAROZZI TAL-LINJA" jew kull kliem ieħor li jkun jindika eżenzjoni mill-projbizzjoni.";

(b) fil-paragrafu E tagħha:

(i) is-subparagrafi (ċ), (d), (e) u (f) tiegħu u s-sinjali (3), (4), (5), (6), (7) u (8) li jinsabu fl-imsemmi paragrafu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid rispettivament bħala subparagrafi (d), (e), (f) u (ġ) u sinjali (5), (6), (7), (8), (9) u (10); u

(ii) minflok is-subparagrafi (a) u (b) għandu jidħol dan li ġej:

"(a) Dawn is-sinjali jimponu obbligu fuq kull vettura li tkun fuq triq sekondarja qabel ma tidħol fi triq prinċipali, li tieqaf mal-linja trasversali singola u li ma taqbiżx il-linja trasversali singola b'dak il-mod jew f'dak il-ħin li tista' tkun ta' periklu lil xi vettura oħra li tkun fuq it-triq prinċipali jew li tista' tagħti lok li dik il-vettura l-oħra jkollha tibdel il-veloċità jew ir-rotta tagħha biex tevita li ssir kolliżjoni.

(1)



IEQAF

(2)



IEQAF

(b) Is-sinjal li jintuża meta għandha tingħata d-dritta jimponi obbligu fuq il-vetturi biex ma jibqgħux ħerġin fuq it-triq prinċipali lil hinn mil-linja trasversali, magħrufa bħala l-linja li tindika li għandek tagħti d-dritta kif jidher fid-diagramma (ib) fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu B tat-Taqsima IV ta' din l-Iskeda, b'dak il-mod jew f'dak il-ħin li jistgħu jkunu ta' periklu lil xi vettura oħra li tkun fuq it-triq prinċipali jew li jistgħu jagħtu lok li dik il-vettura l-oħra jkollha tibdel il-veloċità jew ir-rotta tagħha biex tevita li ssir kolliżjoni.

(3)



AGĦTI D-DRITTA

(ċ) Dan is-sinjal jintwera minn *School Crossing Patrol* bil-għan li titwaqqaf kull vettura sabiex it-tfal ikunu jistgħu jaqsmu xi triq. Is-sinjal jimponi obbligu fuq vetturi sabiex ma jaqbżux lil hinn minnu, sakemm dan jitneħħa mill-istess *School Crossing Patrol*.

(4)



SINJAL MURI MINN *SCHOOL CROSSING PATROL* BIEX IWAQQAF VETTURI": u

(ċ) minnufih wara s-subparagrafu (1) tal-paragrafu Ġ għandu jiżdied dan li ġej:

"(m) Dawn il-pjanċi li jistgħu jitwaħħlu taħt sinjali ta' twissija, jindikaw ix-xorta ta' riskju ta' periklu.

(16)



li titwaħħal mas-sinjal (2) muri fil-paragrafu F tat-Taqsima I




li titwaħħal mas-sinjal (2) muri fil-paragrafu F tat-Taqsima I

(18)



li titwaħħal mas-sinjal (2) muri fil-paragrafu F tat-Taqsima I

(19)



li titwaħħal mas-sinjali (2) u (4) murijin fil-paragrafu F tat-Taqsima I


(20)



jew



jew



li jitwaħħlu mas-sinjal (5) muri fil-paragrafu F tat-Taqsima I".

(21)



li titwaħħal mas-sinjal (8) muri fil-paragrafu E tat-Taqsima I

4. It-Taqsima III ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Jemenda t-Taqsima III ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) minnufih wara s-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu B tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"(d) Dan is-sinjal jagħti t-tagħrif li l-post huwa riżervat għall-ipparkjar ta' vetturi li jkollhom il-permess "handicapped" imwaħħal mal-*windscreen* tagħhom.

(7)



POST TA' PARKJAR RIŻERVAT GĦAL DAWK BISS LI GĦANDHOM IL-BADGE 'HANDICAPPED' "

u

(b) minnufih wara l-paragrafu D tagħha għandu jiżdied dan li ġej:

"E. Sinjali Oħrajn dwar Direzzjoni

(1) (2)






DIREZZJONI LEJN PARKJAR LIBERU

DIREZZJONI LEJN FAĊILITAJIET SANITARJI

(3)







DIREZZJONI LEJN VAPUR LI JĠORR IL-KAROZZI
(għandha titwaħħal pjanċa li tkun turi isem il-port)".

Jemenda t-Taqsima IV ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. It-Taqsima IV ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu B tagħha:

(i) id-diagramma (ii) u l-kliem minn "Il-vetturi għandhom jinsaqu bil-mod" sal-kliem "li jkun qed jagħmel użu minn dak il-post ta' qsim." wara l-imsemmija diagramma għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafu (d) tiegħu; u

(ii) minflok id-diagramma (i) u l-kliem minn "Il-vetturi għandhom jiġu mwaqqfa" sal-kliem "ma hemmx periklu jekk ikomplu mixjin." għandu jidħol dan li ġej:

"(a) Din il-linja timponi obbligu fuq kull vettura li tkun fuq triq sekondarja qabel ma tidħol fi triq prinċipali, li tieqaf mal-linja trasversali singola u li ma taqbiżx dik il-linja b'dak il-mod jew f'dak il-ħin li tista' tkun ta' periklu lil xi vettura oħra li tkun fuq it-triq prinċipali jew li tista' tagħti lok li dik il-vettura l-oħra jkollha tibdel il-veloċità jew ir-rotta tagħha biex tevita li ssir kolliżjoni.


(ia)



LINJA TRASVERSALI TA' WAQFIEN

(b) Il-linja li tintuża meta għandha tingħata d-dritta timponi obbligu fuq il-vetturi biex ma jibqgħux ħerġin fuq it-triq prinċipali lil hinn minnha, b'dak il-mod jew f'dak il-ħin li jistgħu jkunu ta' periklu lil xi vettura oħra li tkun fuq it-triq prinċipali jew li jistgħu jagħtu lok li dik il-vettura l-oħra jkollha tibdel il-veloċità jew ir-rotta tagħha biex tevita li ssir kolliżjoni.

(ib)



LINJA TRASVERSALI TA' META GĦANDHA TINGĦATA D-DRITTA

(ċ) Din il-linja trasversali titqiegħed f'salib it-toroq ħekk kif wieħed joqrob lejn *roundabout* u timponi obbligu fuq il-vetturi biex ma jaqbżux lil hinn mill-linja għal fuq il-karreġġata ta' madwar ir-*roundabout* b'dak il-mod jew f'dak il-ħin li jistgħu jkunu ta' periklu lil xi vettura oħra li tkun fuq il-karreġġata madwar ir-*roundabout* jew li jistgħu jagħtu lok li dik il-vettura l-oħra jkollha tibdel il-veloċità jew ir-rotta tagħha biex tevita li ssir kolliżjoni.


(iċ)



AGĦTI D-DRITTA LIT-TRAFFIKU LI JINSAB FUQ IL-KARREĠĠATA MADWAR IR-*ROUNDABOUT* "; u


(b) minnufih fi tmiem il-paragrafu Ċ tagħha għandu jiżdied dan li ġej:

" (vii)



(vii) Il-linji sofor (viia) u (viib) għandhom jitpinġew fit-tarf tal-karreġġata rispettivament minflok is-sinjali (6) u (7) fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu D tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda u għandu jkollhom it-tifsir tas-sinjali msemmijin (6) u (7) rispettivament.

(viii)



(viii) Il-linja safra li jkollha l-kliem SKOLA — ŻOMM LIBERU jew il-kliem SPTAR, jew STAZZJON TA' L-AMBULANZI jew STAZZJON TAT-TIFI TAN-NAR, jew l-isem ta' xi bini bħal dan u l-kliem ŻOMM LIBERU għandha

tindika lit-traffiku tal-vetturi dik il-parti mill-karreġġata li tiġi fuq barra ta' skola jew bini ieħor simili msemmi li għandha tinżamm libera minn vetturi weqfin.

(ix)



(ix) jindika li tkun qegħda toqrob għaqda ta' toroq li fiha jew ma' ġenbha jitqegħdu sinjal IEQAF u linja trasversali ta' waqfien.

(x)



(x) jindika li tkun qegħda toqrob għaqda ta' toroq li fiha jew ma' ġenbha jitqieghed sinjal li għandha tingħata d-dritta.

(xi)



(xi) jindika li hemm possibilità kbira ta' periklu aktar 'il quddiem u li għalhekk jeħtieġ li wieħed isuq bl-attenzjoni.

(xii)



(xii) jindika dak il-qasam tal-karreġġata li għandu jinżamm liberu minn vetturi weqfin.

(xiii)



AHEAD ONLY

(xiii) jindika li t-traffiku għandu jibqa' miexi biss fid-direzzjoni tal-vleġġa.

(xiv)



TURN RIGHT

(xiv) jindika li t-traffiku jrid ta' bilfors idur lejn il-lemin.

(xv)



TURN LEFT

(xv) jindika li t-traffiku jrid ta' bilfors idur lejn ix-xellug.

(xvi)

NO

ENTRY

(xvi) mod ieħor li jindika li ma jista' jsir EBDA DĦUL minn traffiku ta' vetturi.".

6. Minnufih wara t-Taqsima IV ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Iżid it-Taqsima V ġdida ma' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"TAQSIMA V — INTERPRETAZZJONI

Għall-finijiet ta' din l-Iskeda —

"triq sekondarja" tfisser triq jew għaqda ta' toroq fuq liema triq jitqiegħdu sinjali li jindikaw li wieħed għandu jew jieqaf, jew jagħti d-dritta;

"triq prinċipali" tfisser it-triq f'għaqda ta' toroq li ġo fiha joħroġ it-traffiku ta' vetturi minn triq sekondarja.".